# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 9 ta' Marzu, 2000.**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 471/94 JF**

**Benjamin Rizzo fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' Alutrade LImited ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess socjeta' ta' Serena, Moses gatt Street, *B'kara.***

**-vs-**

**Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Edil Supplies Limited ta' Fininvest House, New Street in Mill Street, *Qormi.***

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur nomine huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' ghaxart elef, mija u tnejn u tletin lira u tmienja u tletin centezmu (Lm10,132.38,0) prezz ta' aluminium lilha mibjugh u kkonsenjat mill-attur nomine.

Premess illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi nterpellata thallas naqset.

Talab li din il-Qorti:-

1. Jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm10,132.38,0 fuq imsemmija.

Bl-ispjejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 1994 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1993 kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, id-dekadenza tal-azzjoni;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz mhux dovut stante li l-kwalita tal-merkanzija ma kenitx dik pattwita.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Tirrileva qabel xejn li z-zewg kawzi fl-istess ismijiet, wahda citazzjoni numru 471/94/JF u l-ohra citazzjoni numru 474/94/JF bdew, ghal ragunijiet ovvji, jinstemghu kontestwalment billi hlief ghall-ammont bilancjali mitlub bhala sorte mis-socjeta' attrici fiz-zewg kawzi, il-meritu tal-vertenza huwa wiehed identiku;

Illi fil-kawza citazzjoni numru 471/94/JF l-attur nomine qieghed jitlob minn ghand is-socjeta' konvenuta hlas fl-ammont ta' ghaxart elef, mija u tnejn u tletin lira u tmienja u tletin centezmu (Lm10,132.38c) prezz ta' alumininum lilha mibjugh u kkonsenjat;

Is-socjeta' konvenuta ma tichadx li l-ammont mhux imhallas minna eccepiet il-preskrizzjoni li giet respinta in forza ta' sentenza <u>in parte</u> moghtija fil-25 ta' Settembru 1995 - u li l-merkanzija <u>de quo</u> ma kenitx tal-kwalita' pattwita. Xehed l-attur nomine mnejn jirrizulta li effettivament huma bieghu u kkunsinnaw il-merkanzija u taghha ma thallsux, billi wkoll, il-konvenut nomine kien dejjem jipprometti lhom li jhallashom aktar 'il quddiem, bla lmenti ohrajn. Il-konvenut jallega li kellu xi lmenti dwar difetti fil-prodott li huma xtraw, fl-istess waqt pero' jirrizulta abbondantement li huma 'a loro volta' bieghu lil terzi din il-merkanzija u inkassaw anke parti mill-flus u mill-bqija ma alabora xejn aktar ta' sustanza. Kjarament it-talba attrici hija sufficjentement ipprovata u timmerita li tigi milqugha kif dedotta. Intalbu ghadd ta' differimenti ghal fini ta' transazzjoni pero' ma jidhirx li ftehim ahhari gie milhuq.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li taghmel mill-gdid riferenza ghad-decizjoni taghha in parte moghtija fil-25 ta' Settembru 1999 fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskizzjoni, u filwaqt ukoll li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra, tilqa' t-talba attrici kif dedotta b'dana li tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lill-attur nomine l-ammont mitlub bl-interessi kif mitluba sal-hlas effettiv. Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md